TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 210

KAZ NRU 303

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Connie Schembri
u
Messrs Brand International

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data: 20 ta' Frar, 1985

CHAIRMAN: Mr Tonio Portughese BA(Hons), MA.

B'ittra tal-14 ta' Novembru, 1983 l-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali rrefera lil dan it-Tribunal l-imsemmi kaz skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28(2) tal-Att XXX tal-1976, u jitratta allegazzjoni ta' tkeccija ngusta mill-impieg.

It-Tribunal zamm erba seduti li fihom is-sinjorina Connie Schembri mexxiet il-kaz ghaliha nnifisha, waqt li s-Sur Carmel Farrugia, Production Engineer u s-Sur Peter Diacono, Administration Manager, dehru ghall-kumpanija Brand International.

IL-KAZ

L-appellant ssottomettiet li kienet impjegata bhala factory-worker mill-4 ta' April, 1973 sas-27 ta' Lulju, 1983. Tul dan l-impieg qatt ma giet inwissija u li dejjem hadmet b'efficjenza kemm bhala haddiema u kif ukoll ghax kienet ix-Shop Steward tal-Union li tirrapprezenta lill-maggoranza tal-haddiema fil-fabbrika. Hi tkecciet mill-impieg nhar is-27 ta' Lulju, 1983 wara sospensjoni kontra kull provvediment fil-Ftehim Kollettiv, skond l-akkuza li xerrdet xniegha hazina li kkagunat telf qawwi fil-produzzjoni. Il-kaz zviluppa wara li l-Production Engineer is-Sur Carmel Farrugia kellimha bhala rapprezentanta tal-Union u avzaha bil-quddiem li l-kumpanija ma kienitx ser taccetta li xi tfajla fil-Packing Department ticcekkja x-xoghol li tkun

hadmet hi stess, u li min jiccekkja xogholu, l-ewwel jinghata twissija, it-tieni darba sospensjoni u t-tielet darba jitkecca mill-impieg. Wara saret laqgha bejn il-Management u l-General Workers' Union li fiha giet stabbilita l-procedura ta' dixxiplina ghal min ikollu dan it-tip ta' xoghol hazin. Ftit wara l-Kumpanija gharrfet lill-appellant li kienet giet infurmata mill-Union li kienet giet sospiza minn Shop Steward, haga li dwarha l-appellant kellha l-hsieb hi stess li tirrizenja. Wara nharget charge u Miss Schembri giet akkuzata li kienet ghaddiet informazzjoni zbaljata lit-tfajliet u minhabba f'hekk il-produzzjoni kienet tbaxxiet u ghalhekk giet sospiza mix-xoghol sakemm jigi stabbiliet ezatt kemm kienet tbaxxiet il-produzzjoni. Din l-investigazzjoni mbaghad wasslet biex il-kumpanija ttemm l-impieg taghha. L-appellant sostniet li hi m'ghaddiet ebda nformazzjoni hazina u li dak li qalet lil shabha kien ezatt dak li kien gharrafha bih il-Production Engineer. Hi talbet li tinghata x-xoghol lura fl-istess grad bla telf ta' seniority flimkien mal-paga kollha li tilfet, il-bonus u l-imghaxijiet dovuti ghal kemm damet barra mix-xoghol.

Il-Kumpanija wiegbet li Connie Schembri kienet inghatat twissija serja talli fil-perijodu tal-Milied 1982 kienet organizzat party mhux ufficjali fil-fabbrika bla permess. Gara wkoll li b'abbuz tal-pozizzjoni taghha bhala Shop Steward tat taghrif skorrett lill-haddiema tal-kumpanija b'mod li sar telf qawwi fil-produzzjoni u nholoq kaos u paniku. Dan l-incident serju gie nvestigat bir-reqqa mill-kumpanija u mill-Union li ssospendietha mill-kariga ta' Shop Steward u qablet mad-decizjoni tal-kumpanija. L-informazzjoni li Miss Schembri ghaddiet lil shabha kienet azzjoni serja hafna li gieghlet lill-kumpanija ttemm l-impieg taghha.

XHIEDA U DOKUMENTI

Instemghu ghadd ta' xhieda fosthom numru ta' haddiema li tefghu dawl kemm fuq il-kaz tal-party bla awtorizzazzjoni fil-Milied tal-1982, kif ukoll dwar l-incidenti kollha li lahqu l-quccata taghhom bl-allegazzjoni tal-Kumpanija, li l-appellant

xerrdet taghrif zbaljat dwar mizuri godda ta' dixxiplina. Barra x-xhieda lluminanti ta' dawn il-haddiema, it-Tribunal sema lill-appellant nnifisha, lis-Sur Carmel Farrugia - Production Engineer, u dik ta' Mrs Helga Ellul, Managing Director, u tas-Sur Angelo Bartolo, Segretarju tat-Taqsima Petrol u Kimika tal-Union. Din ix-xhieda varjegata u mwessa' ikkontribwiet biex seta jitfassal kwadru aktar realistiku tar-relazzjonijiet bejn l-appellant u l-Kumpanija, u bejn l-appellant u l-Union.

Fost id-dokumenti mportanti, tressqet kopja tal-Ftehim Kollettiv, rapporti tal-produzzjoni u tal-kwalita', il-minuti ta' seduta bejn il-Kumpanija u l-Union tal-14 ta' Lulju, 1983 u avviz generali lill-haddiema kollha.

SOTTOMISSJONIJIET FINALI

L-appellant sostniet li s-sospensjoni taghha mill-impieg ma saritx skond il-Ftehim Kollettiv; li ma tressqux provi li juru li holqot disgwid fil-fabbrika permezz tat-tixrid ta' taghrif hazin, u li dwar il-kaz tal-party l-maggoranza tax-xhieda stqarrew li kien possibbli li tfajla ohra poggiet xi affarijiet tal-ikel fil-kaxxa ta' l-ohrajn. Il-kastig kien wiehed kapriccjuz u esagerat u ghalhekk talbet lit-Tribunal jaqta kontra l-kumpanija.

It-tezi konklussiva tal-Kumpanija kienet li Miss Schembri kellha zewg karigi mportanti, ta' impjegata u ta' Shop Steward. Ghalkemm qabel dan l-incident gravi hi kellha twissijiet verbali dwar produzzjoni u kienet involuta fil-party klandestin, l-incident finali kien wiehed serju hafna b'riperkussjonijiet kbar fuq il-kumpanija u l-haddiema l-ohra. Ir-relazzjonijiet bejn il-Kumpanija u l-Union kienu tajbin minkejja l-isforzi taghha li tohloq problemi kemm tista halli jehzienu. Issa li l-appellant m'ghandiex mal-Brand, dawn ir-relazzjonijiet regghu gew ghall-ahjar. Ghalhekk hi wzat il-kariga taghha, kif xehdet il-Managing Director, mhux ghall gid izda biex tohloq l-inkwiet.

.../4

KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

Dan il-kaz huwa r-rizultat ta' twissijiet verbali dwar produzzjoni; dwar l-incident ta' responsabbilita dwar l-organizzazzjoni ta' party fuq il-post tax-xoghol minghajr il-permess ta' l-awtoritajiet; u dwar ir-relazzjonijiet industrijali u umani ta' l-appellant mal-kumpanija, kif ukoll mal-Union taghha. L-akkuza principali kienet li Schembri qalet li mizuri ta' dixxiplina intizi ghall-Packing Department, kienu ser ikunu applikabbli ghal kulhadd, meta l-kumpanija u l-Union qablu li kienu jolqtu biss lill-impjegati tal-Packing Department.

Il-minuti ufficjali tal-laqgha maghmula apposta bejn il-Brand u l-Union juru li kellhom jibdew jittiehdu mizuri ta' dixxiplina minhabba l-kwalita hazina hafna fil-Packing Department u minhabba l-fatt li din il-kwalita hazina kienet qed tigi kkagunata kull jum mill-istess haddiema.

Il-qofol fundamentali tal-kaz jikkoncerna ghalhekk azzjoni minn persuna li kienet tokkupa l-kariga importanti ta' Shop Steward u li bl-imgieba taghha wasslet ghall-holqien ta' kaos u disgwid. It-Tribunal ghalhekk ried janalizza c-cirkustanzi essenzjalment industrijali u morali fil-kwadru ta' l-attaggjament assunt mill-Kumpanija u fl-isfond ukoll ta' l-atteggjament mehud mill-istess Union.

Ix-xhieda l-aktar awtorevoli u fidabbli kkonsolidat it-tezi essenzjali li kienu jezistu relazzjonijiet umanament u industrijalment anormali bejn l-appellant u l-kumpanija, u successivament bejn l-appellant u l-Union li taghha kienet shop steward.

Huwa opportun u mperattiv li l-haddiema ta' kull livell, u aktar u aktar min jokkupa karigi trejdunjonistici ta' rapprezentanza fil-fabbrika, isiru konxji tar-responsabbiltajiet u d-dmirijiet principali taghhom li jaqdu dmirhom efficjentament, onestament u lealment. L-industrija in generali hija kkundizzjonata minn bahar ta' problemi u ghalhekk tiddependi minn kemm ghandha mpjegati moralment impenjati biex jinholoq ambjent

pozittiv u kostruttiv li jwassal biex jigu generati rizultati ekonomici li minghajrhom l-ebda kumpanija ma tista' ssalva fittul. Il-kariga ta' Shop Steward ma taghti drittijiet superjuri jew privileggi lil hadd; anzi min jokkupha jrid ikun ta' ezempju ghal haddiehor. Il-firda jew is-sabutagg fiziku jew invizibbli jiffurmaw theddida mortali.

It-Tribunal irid jaghmel osservazzjoni puntwali dwar ir-rikors ghas-sospensjoni bhala mizura ta' dixxiplina. Hija mizura stabbilita, uzata fuq li uzata sahansitra bi qbil ufficjali bejn kumpaniji u unions, li jsir rikors ghal sospensjoni, hafna drabi ghal waqt li jkunu qed jigu zvolti xi investigazzjonijiet jew esklussivament bhal mezz ta' kastig bil-ghan preciz li persuna tigi mghejjuna ttejjeb l-imgieba taghha halli aktar il-quddiem issalva l-impieg. Hija konswetudni komuni li jsir qbil industrijali li jippermetti, anzi jippreferixxi sospensjoni bhala kastig flok tkeccija.

Id-decizjoni ta' tkeccija fil-kaz in kwistjoni tista tidher bhala 'prima facie' wahda drastika izzejjed. Il-grad tad-drasticita taghha jitkejjel mill-grad tal-gravita li l-azzjoni kellha. It-Tribunal inserixxa l-incident finali fil-kwadru tar-relazzjonijiet xejn kostruttivi bejn l-appellant u l-kumpanija u tal-hsara diretta u ndiretta, hsara materjali, finanzjarja u psikologika fuq spazju immedjat u futur.

Is-sitwazzjoni globali tissigilla din ir-responsabbilita preciza li talbet intervent preciz u effettiv ghal qaghda verament perikoluza ghas-sopravvivenza futura ta' l-attivita ekonomika tal-kumpanija fic-cirkostanzi tad-disgwid u kaos industrijali li sabet ruhha fih.

AWARD

Minhabba dawn il-kunsiderazzjonijiet u konstatazzjonijiet, it-Tribunal stabbilixxa li l-kumpanija agixxiet korrettament ghalkemm b'mod decizament drastiku, u ghalhekk ma jistax isib favur l-appellant, u b'hekk itten din il-kwistjoni tax-xoghol.

TONIO PORTUGHESE
Chairman

Edwin Spiteri
A/Segretarju

Data: 20 ta' Frar, 1985

ja